MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 369/2005

**A .**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Novembru, 2005 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fid-19 ta' Awwissu, 2000 (Dok. A).

Illi l-ħajja konjugali ġiet reża impossibbli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid u vjolenza kemm morali kif ukoll fiżika u abbandun kommessi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

Illi miż-żwieġ ma twildux tfal.

Illi l-attur kien awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) (Dok. B), liema digriet kien ġie pprorogat b'digriet ieħor (Dok. C).

Tgħid il-konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.

2. Tapplika kontra l-konvenuta sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenuta f'każ ta' bżonn.

5. Tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni ta' assi immobbli f'każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jiġu komodament diviżi.

6. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta' kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-13 ta’ Marzu, 2006, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti qegħda taqbel illi din l-Onorabbli Qorti għandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti; madankollu, kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, iż-żwieġ bejn il-konjuġi Micallef tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet imputabbli lill-attur, senjatament adulterju, moħqrija, inġurji gravi u sevizzi kommessi mill-attur fil-konfront ta’ l-esponenti, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Illi jsegwi għalhekk illi t-tieni talba ta’ l-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u *se mai* d-disposizzjonijiet ta’ dawn l-artikli għandhom jiġu applikati fil-konfront ta’ l-attur.

3. Illi l-eċċipjenti qegħda taqbel mat-tielet u r-raba’ talbiet ta’ l-attur f’dak li jirrigwarda x-xoljiment, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

4. Illi l-ħames talba ta’ l-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tassenja u tittrasferixxi s-sehem ta’ l-attur mill-fond matrimonjali lill-esponenti, u dan kif kien hemm ftehim bejn il-partijiet li ser isir, u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-attur kien allontana ruħu minn jeddu mill-fond matrimonjali, u l-esponenti kienet baqgħet tħallas il-pagamenti waħedha, liema pagamenti huma dovuti lill-Bank in konnessjoni ma’ self li ħadu l-partijiet għax-xiri ta’ dan il-fond, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Illi s-sitt talba ta’ l-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attur *stante* illi l-esponenti m’għandha xejn fil-pussess tagħha li huwa parafernali ta’ l-attur, li kien ħa kollox meta allontana ruħu mid-dar matrimonjali, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba ta’ l-istess konvenuta, ippreżentata fit-13 ta’ Marzu, 2006, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

Illi l-partijiet kontendenti nagħqdu fiż-żwieġ fid-19 ta’ Awissu, 2000, minn liema għaqda ma twieldu ebda tfal; u

Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet m’għadhiex aktar possibbli minħabba ħtija u tortijiet imputabbli lill-attur rikonvenut, senjatament adulterju, moħqrija, sevizzi u inġurji gravi kommessi mill-attur rikonvenut fil-konfront tal-konvenuta rikonvenjenti, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

Illi tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju ma swew għal xejn, u għalhekk kellhom jiġu ntavolati l-proċeduri odjerni;

Jgħid għalhekk l-attur rikonvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli lill-attur rikonvenut, u tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti tgħix separatament mill-attur rikonvenut.

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-attur rikonvenut sabiex iħallas lill-konvenuta rikonvenjenti għaliha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata minn din l-istess Qorti, *stante* li fil-preżent il-konvenuta rikonvenjenti tinsab mingħajr impjieg.

3. Tapplika kontra l-attur rikonvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-Artiklu 48 *et seq* tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess assi formanti parti mill-istess komunjoni jiġu maqsuma f’żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema

porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attur rikonvenut u l-oħra lill-konvenuta rikonvenjenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attur rikonvenut jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenjenti l-beni parafernali u dotali kollha tagħha u tordna li l-konvenuta rikonvenjenti tiġi mogħtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali u dotali tagħha.

7. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti li tirreġistra ossija tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti tirriverti għal kunjom xbubitha, u *cioe'* Fsadni.

Bl-ispejjeż, kontra l-attur rikonvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta rikonvenjenti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur għall-kontro-talba tal-konvenuta, ippreżentata fid-29 ta' Marzu, 2006, li permezz tagħha l-attur espona bir-rispett:

Illi l-esponent ma jopponix għat-talba biex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, pero' minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Illi l-esponent jopponi għat-tieni talba li tittratta manteniment *stante* illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-konvenuta m'għandhiex issib impjieg kif kienet tagħmel sa ftit ilu sabiex tgħix finanzjarjament indipendenti mill-esponent.

Illi l-esponent jopponi għat-tielet talba rigwardanti l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 48 *et seq*, *stante* li minħabba li għas-separazzjoni taħti biss il-konvenuta, l-imsemmija artikli għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha.

Illi l-esponent jaqbel mar-raba' u s-sitt talba li jirrigwardaw il-likwidazzjoni tal-komunjoni.

Illi l-esponent jopponi għall-ewwel parti tas-sitt talba *stante* li huwa m'għandu l-ebda proprjeta' parafernali jew dotali tal-konvenuta fil-pussess tiegħu.

Illi l-esponent ma jopponix għas-seba' talba.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħet il-kontro-eżamijiet tagħhom.

Semgħet lix-xhieda l-oħra.

Rat ir-relazzjoni ta' l-AIC Mario Cassar bħala espert tekniku mqabbad mill-partijiet u li ġiet debitament maħlufa fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2007, fejn imbagħad sarlu eżami fl-4 ta' Mejju, 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob illi din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta, filwaqt li din ta' l-aħħar irrispondiet għaċ-ċitazzjoni billi prreżentat kontro-talba fejn qed tagħmel l-istess talbiet, kif ukoll qed tagħmel talba għal manteniment.

Il-partijiet iżżewġu fl-2000 u ma kellhomx tfal, wara li tqala ntemmet f'korriment. Mill-provi li tressqu jidher ċar għall-Qorti li għat-tfarrik taż-żwieġ kien jaħti prinċipalment l-attur, li telaq mid-dar konjugali f'Mejju 2004, u ma hemmx dubju li dan għamlu wara li beda relazzjoni ma' ċerta X li kienet ħabiba tal-konvenuta. Jirriżulta in fatti li f'Novembru 2006 il-konvenut u din X kellhom tarbija, u ġie esebit iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv. L-argument ta' l-attur li huwa beda r-relazzjoni **wara** li telaq mid-dar ma huwiex ta' għajnuna għalih għaliex sakemm il-partijiet ma jkunu dikjarati separati, xorta waħda għall-iskop tal-liġi jeżisti l-obbligu tal-fedelta', u fil-mankanza ta' xi parti li żżomm ma' dan l-obbligu jkun hemm konsegwenzi legali. Għalkemm il-partijiet seta' kellhom xi diverbji ma hemmx dubju li l-fatt prinċipali li ta lok għall-firda kien appuntu l-adulterju ta' l-attur ma' din il-persuna li ssemmiet.

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jikkontesta t-talba għall-manteniment għaliex apparti jsostni li kienet il-konvenuta li tat lok għall-firda (dwar dan kif *gia'* ingħad il-Qorti assolutament ma taqbilx) jgħid li l-konvenuta waqfet taħdem kif isseparaw *de facto*, u hija kapaċi taħdem. Il-Qorti tħoss li l-konvenuta hija f'kondizzjoni li taħdem, u ma hijiex ser tordna lill-attur iħallas manteniment għall-futur, iżda tħoss li l-konvenuta għaddiet minn żmien diffiċli proprju tort ta' l-attur, u għalhekk tħoss li għandha tikkumpensaha billi tordna lill-attur iħallas somma purke żgħira bħala ħlas f'daqqa għall-manteniment biex il-konvenuta tilħaq tkun f'kondizzjoni li terġa' tibda taħdem 'il quddiem.

Bħala komunjoni ta' l-akkwisti l-partijiet xtraw id-dar konjugali li ġiet stmata li tiswa erbgħin elf Lira Maltin (Lm40,000), ekwivalenti għal tlieta u disgħin elf, mija u ħamsa u sebgħin Euro (€93,175) mill-perit tekniku, u li dwarha hemm dejn mal-Bank. Il-konvenuta ma qablitx ma' l-istima iżda din hija l-unika stima li għandha l-Qorti u għalhekk ser taddottaha għal kull skop legali. Ma jidhirx li hemm skop li xi ħadd jiġi assenjat id-dritt li jgħix fid-dar iżda l-Qorti ser tordna li l-bejgħ isir wara sitt xhur (sakemm il-partijiet ma jaqblux) biex il-konvenuta jkollha ċans issib

fejn toqgħod għalkemm jidher li d-dar *gia'* ġiet żgombrata da parti tagħha. Rigward oġġetti oħra mobiljari ma tressqux provi wisq ċari u kull ma hemm huma allegazzjonijiet tal-partijiet. Il-Qorti għalhekk ser tordna li kull parti żżomm l-oġġetti llum fil-pussess tagħha u l-kontijiet bankarji li huma minimi jinqasmu ugwalment. Lanqas vetturi ma jidher li hemm fuq isem il-partijiet għalkemm l-attur juża vettura li qal li hija reġistrata fuq missieru u fil-fatt ma jirriżultax li għandu vetturi f'ismu.

Il-konvenuta ħallset il-pagamenti lill-Bank għad-dejn fuq id-dar waħeda bejn Mejju 2004 (kif iddikjaraw il-partijiet seduta *stante*) u Frar 2006 (kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti minn rappreżentant tal-Bank), u għalhekk għandha dritt tieħu qabel l-attur is-somma ta' sitta u disgħin Lira Maltin (Lm96) u ħamsa u erbgħin Lira Maltin (Lm45) għal wieħed u għoxrin darba, li jammontaw għal elfejn, disa' mija u wieħed u sittin Lira Maltin (Lm2,961), ekwivalenti għal sitt elef, tmien mija u sebgħa u disgħin Euro (€6,897) meta jinbiegħ il-fond matrimonjali. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed fondi jkollha dritt tieħu mingħand il-konvenut din is-somma jew il-bilanċ tagħha.

**Għaldaqstant il-Qorti fir-rigward tat-talbiet attriċi:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attur stess;**

**2. tiċħad it-tieni talba;**

**3. tilqa' t-tielet talba u tordna li wara sitt xhur mil-lum id-dar matrimonjali tinbiegħ a bażi tal-prezz indikat mill-espert tekniku, u *cioe'* tlieta u disgħin elf u mitejn Euro (€93,200); ir-rikavat wara li jitħallas il-Bank kreditur għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet wara li l-konvenuta tippreleva s-somma ta' sitt elef, tmien mija u sebgħa u disgħin Euro (€6,897) – jekk ma jkunx hemm fondi biżżejjed il-konvenuta jibqgħalha d-dritt li titħallas din is-somma jew il-bilanċ tagħha; il-partijiet qed jiġu assenjati l-oġġetti mobbli fil-pussess**

**tagħhom illum u l-kontijiet kollha bankarji għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejniethom;**

**4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba billi ma hemmx lok għaliha;**

**5. *stante* li din it-talba ġiet milqugħa fit-tielet talba tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tagħha;**

**6. tiċħad is-sitt talba.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba:**

**1. tilqa' l-ewwel talba;**

**2. tikkundanna lill-attur iħallas għal darba waħda biss is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) bħala manteniment;**

**3. tilqa' t-tielet talba;**

**4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba billi din inkorporata fit-tielet talba attriċi li ġiet milqugħa;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba billi ma hemmx lok għaliha;**

**6. tiċħad is-sitt talba;**

**7. tilqa' s-seba' talba;**

**8. tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-konvenuta terġa' tagħmel użu minn kunjom xbubitha, u *cioe'omissis*.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-attur *eccetto* l-perizja teknika li tibqa' pagabbli mill-partijiet f'sehem indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------